## Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

RIKORS IPPREŻENTAT: **18/12/2023**
RIKORRENT: **ANTHONY BORG (KI. 260783M)**

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

Illum 18 ta’ Diċembru 2023

**Il-Qorti**

wara li rat ir-rikors presumibilment ippreżentat ai termini tal-Art. 409A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta minn Anthony Borg (“ir-rikorrent”),

wara li rat id-digriet tagħha mogħti iktar kmieni illum li permezz tiegħu ordnat in-notifika tar-rikors u tal-istess digriet lir-rikorrent, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi,

wara li rat li bid-digriet imsemmi l-Qorti appuntat ir-rikors għas-smiegħ għal-lum **fin-12.30pm** bid-dritt tal-Kummissarju tal-Pulizija u tad-Direttur tas-Servizzi Korrettivi li jintavolaw risposta,

wara li semgħet ix-xhieda tal-Ispettur Helenio Galea,

wara li rat l-atti u dokumentazzjoni ppreżentati,

wara li semgħet it-trattazzjoni,

qed tagħti dan id-

**Digriet**

*Sfond fattwali tat-talba*

1. Ir-rikorrent talab il-ħelsien tiegħu mill-kustodja ai termini tal-Art. 409A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta billi skond hu ai termini tal-Art. 21 u 22 tal-Kap. 516 tal-Liġijiet ta’ Malta *ossia* l-provvedimenti dwar tnaqqis tal-piena *(remission)* fit-28 ta’

Novembru 2023 huwa skonta s-sentenza ta' sitt xhur ħabs li ġie kkundannat tagħha mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Lulju 2023 u għalhekk id-detenzjoni tiegħu m'hija msejsa fuq ebda disposizzjoni legali;

2. Qabel xejn l-Art. 409A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

> **'409A. (1) Kull min jallega li jkun qiegħed jiġi detenut kontra l-liġi taħt l-awtorità tal-Pulizija jew ta' xi awtorità pubblika oħra mhux f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi reat li dwaru qiegħed jiġi imputat jew akkużat f'xi qorti, jista' f'kull waqt jagħmel rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, li għandu jkollha l-istess setgħat li għandha l-istess qorti bħala qorti istruttorja, fejn jitlob il-ħelsien tiegħu mill-kustodja...'**

3. Jirriżulta illi fit-28 ta' Lulju 2023 il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversement presjeduta fil-konfront tar-rikorrent nhar l-4 ta' April 2022 meta kien ġie misjub ħati li ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq persuna inkarigata skond il-liġi minn servizzi pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur tal-Art. 95 tal-Kap. 9 u ġie kkundannat jiskonta piena ta' sitt (6) xhur priġunerija.[1]

4. Skond l-Art. 4(1) tal-Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar il-Ħabs):

> **'4.(1) Il-persuni li ġejjin jinżammu f'ħabs:**
>
> **(a) <u>kull persuna li tkun ġiet ikkundannata minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali f'Malta għall-piena ta'priġunerija</u>, jew detenzjoni ...;**

5. L-Art. 20 tal-Kap. 516 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi) jistabbilixxi l-waqfien tar-*Remissions Board*:

> **'20.(1) Għandu jitwaqqaf Bord li jkun magħruf bħala "il-Bord għat-Tnaqqis mis-Sentenzi", li għandu jkun magħmul:**
>
> **(a) minn Chairman;**
> **(b) mid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi; u**

[1] Dok X

**(ċ) mhux aktar minn żewġ membri oħra li jiġu maħtura mill-Ministru.**

**(2) Il-Bord għat-Tnaqqis mis-Sentenzi jkun responsabbli biex jiddeċiedi dwar l-għoti, it-telf jew l-għoti lura ta' ġranet ta' tnaqqis mis-sentenza mitlufa'**

6. L-Art. 21 imbagħad jipprovdi għall-possibilita' ta tnaqqis minn sentenza (*remission)* għal dawk li jkunu qed jiskontaw sentenza ta' priġunerija:

**'21.(1) Min iwettaq reat jista' jingħata tnaqqis mis-sentenza għal raġunijiet tal-andament fuq ix-xogħol ta' min wettaq ir-reat, fil-programm ta' taħriġ, fil-programmi edukattivi u fil-programmi ta' rijabilitazzjoni, l-osservanza tal-pjan ta' kura kif approvat mill-Offender Assessment Board, u l-imġiba tajba ġenerali fuq kollox ta'min wettaq ir-reat. Il-Bord għat-Tnaqqis mis-Sentenzi għandu jistabbilixxi sistema li biha l-ġranet ta' tnaqqis mis-sentenza jingħataw lil min wettaq ir-reat individwalment skond kriterji oġġettivi.**

**(2) It-tnaqqis mis-sentenza għandu jinqala' (*earned)*, jintilef *(forfeited)* jew jingħata lura *(awarded back)* skont dan l-Att, kull regolament magħmul taħt dan l-Att u l-kriterji stabbiliti mill-Bord għat-Tnaqqis mis-Sentenzi'**

7. Mela skond dan l-artikolu tal-liġi ir-*Remissions Board* għandu *inter alia* l-funzjoni illi jistabbilixxi sistema li biha jingħataw ir-*remissions* b'mod oġġettiv u għandu ukoll ir-rwol illi ifassal kriterji sabiex abbażi tagħhom mhux biss jingħataw ir-*remissions* iżda anke jintilfu jew jingħataw lura wara li jkunu ntilfu.

8. L-Art. 22 u 23 imbagħad jirregolaw kif ir-*Remissions Board* għandu jaġixxi f'ċertu istanzi:

**'22.(1) Fil-każ ta' persuni li wettqu reat li jkunu qed jiskontaw sentenza ta' priġunerija għal żmien ta' iżjed minn xahar, il-Bord għat-Tnaqqis mis-Sentenzi jista' jagħti, jordna t-telf jew jagħti lura ġranet ta' tnaqqis ta' sentenza li jkunu ntilfu:**

**Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jippermettux li ż-żmien tal-priġunerija jiġi ridott għal inqas minn wieħed u tletin ġurnata.**

**(2) It-tnaqqis mis-sentenza ma għandux japplika għal persuna li wettqet reat li tkun qed tiskonta kundanna ta' priġunerija għal għomorha.**

**(3) It-tnaqqis li jinqala' (*remission earned*) ma għandux jeċċedi terz tat-total ta'**

**(a) iż-żmien ta' kundanna għal priġunerija kif ridott taħt l-artikolu 22 tal-Kodiċi Kriminali, u**

**(b) kull żmien li matulu l-akkużat kien inżamm f'kustodja, qabel ma nsab ħati, minħabba fir-reat jew reati li għalih jew għalihom huwa jkun ġie kkundannat għal priġunerija.**

**23.(1) Il-Bord għat-Tnaqqis mis-Sentenzi jista' jordna t-telf ta' mhux iżjed minn tliet mija u ħamsa u sittin ġurnata ta' tnaqqis mis-sentenza, kemm jekk maqlugħ (*earned)* jew prospettiv, fil-każ ta'persuni li wettqu reat li jaħarbu jew jagħmlu attentat biex jaħarbu mill-Faċilità Korrettiva, li jikkawżaw diżordni ġewwa l-Faċilità jew li jikkommettu reat kriminali ġewwa l-Faċilità, inkluż li jinstabu pożittivi għal testijiet dwar drogi jew fil-pussess ta'sustanzi jew oġġetti illeċiti.**

**(2) Il-Bord għat-Tnaqqis mis-Sentenzi jista' jordna t-telf ta' mhux iżjed minn mija u għoxrin ġurnata ta' tnaqqis mis-sentenza, kemm jekk maqlugħ jew prospettiv, fil-każ ta' persuni li wettqu reat li jiksru regolamenti tal-ħabs jew xi miżuri dixxiplinarji, inkluż li jinstabu fil-pussess ta' sustanzi jew oġġetti mhux permessi bir-regolamenti tal-ħabs.**

**(3) Persuni li wettqu reat li jaħarbu jew jagħmlu attentat biex jaħarbu mill-Faċilità Korrettiva, li jikkawżaw diżordni ġewwa l-faċilità jew li jikkommettu reat kriminali ġewwa l-faċilità, inkluż li jinsabu pożittivi għal testijiet dwar drogi jew fil-pussess ta'sustanzi illeċiti jew sustanzi oħra u, jew oġġetti bi ksur tar-regolamenti tal-ħabs rilevanti ma jingħatawx lura l-ġranet ta'tnaqqis mis-sentenza li jkunu tilfu.**

**(4) Fil-każ ta' reat kontra d-dixxiplina li jitwettaq minn priġunier li għadu ma nstabx ħati, tista' tingħata l-piena ta' telf ta' tnaqqis mis-sentenza għalkemm dak il-priġunier ma jkunx għadu, jew fiż-żmien meta kkommetta r-reat ma kienx għadu, taħt sentenza.**

**(5) Persuni li wettqu reat li jikser ir-regolamenti tal-ħabs fi tliet okkażjonijiet m'għandhomx jerġgħu jingħataw lura ġranet ta'tnaqqis mis-sentenza mitlufa'**

9. Mix-xhieda tal-i**<u>Spettur Helenio Galea</u>** jirriżulta illi għalkemm ir-rikorrent, bħal kull priġunier ieħor, kien **<u>eliġibbli</u>** għal tnaqqis mis-sentenza (dak li bl-Ingliż huwa magħruf bħala *remission*) sa' massimu ta' terz tagħha ai termini tal-liġi - allura sa' massimu ta' sittin (60) ġurnata fil-każ tas-sentenza li qed jiskonta - madanakollu f'dan il-każ partikolari, permezz ta' deċiżjoni meħuda preċedentement mill-Bord għat-Tnaqqis mis-Sentenzi (*Remission Board*) – ossia' fl-1 ta' Lulju 2020 – dan kien ordna t-telf ta' wieħed u sittin (61) ġurnata ta' *remission* u għalhekk ir-rikorrent irid

jiskonta l-piena karċerarja ta’ sitt (6) xhur ħabs fit-totalita’ tagħha mingħajr ma jgawdi ebda *remission* – b’dan li għalhekk il-piena għandha tiġi skontata fis-27 ta’ Jannar 2024.[2]

10. M’huwiex kuntestat mid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi illi t-telf ta’ *remission* ta’ 61 ġurnata kienu in konnessjoni ma’ nuqqas ta’ imġieba tajba jew ksur tar-regolamenti tal-ħabs li seħħew **qabel** ma r-rikorrent beda jiskonta l-piena karċerarja *de quo* (ossia’ fit-28 ta’ Lulju 2023). Huwa proprju dan il-fattur li xpruna lir-rikorrent jintavola dan ir-rikors ta’ *habeas corpus* għaliex skond hu deċiżjoni dwar telf ta’ *remission* ordnata mir-*Remissions Board* m’għandhiex tapplika **wara** li r-rikorrent ikun diġà ħareġ mill-ħabs u jerġa jidħol sabiex jiskonta piena karċerarja oħra.

*Kunsiderazzjoni*

11. Fid-dibattiti parlamentari li ppreċedew id-dħul fis-seħħ tal-Att XXI tal-2011 (L-Abbozz ta' Liġi dwar il-Ġustizzja Riparatriċi) ingħad *inter alia* s-segwenti:

**“ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI: ... Il-bord tar-remissjoni qegħdin inlaħħmuh ftit biex nagħtuh fakultà li janalizza l-għoti tar-remissjoni. Deherilna li ladarba se jkun bord li jiddeċiedi jekk tingħatax il-parole jew le, daqshekk ieħor għandu jkun hemm bord li janalizza, flimkien mad-direttur, jekk kemm il-darba għandhiex tingħata r-remissjoni jew le.[3]**

**...**

**ONOR. JOSÈ HERRERA: ... Ridt nispiċċa fuq din li hija l-bord dwar it-tnaqqis mis-sentenzi. Saret kważi normali li r-remissjoni tas-sentenzi b’terz ikunu awtomatiċi. L-awtomatiku dejjem ħażin! Jekk jien noqgħod bil-qiegħda, inħares lejn il-ħajt, ma nagħmel xejn, inkun inkejjuż u ma nurix ħeġġa, se nieħu maħfra daqs bniedem li daħal hemmhekk, ħa l-opportunità u beda jirriforma ruħu. Jeħtieġ li l-karrotta nżommuha hemm. Għalhekk għidt li mhu veru xejn li b’din il-liġi qed inpaxxu lill-kriminali. Issa l-kriminali li qegħdin il-ħabs, mhux se joħorġu mill-ħabs awtomatikament u jiffrankaw terz tal-piena tagħhom b’mod awtomatiku. Ara kemm hi bilanċjata din il-liġi. Qed ngħidu li r-remission se nħalluha, imma se jkun hemm bord li jekk bniedem jgħaddi l-ħajja tiegħu fil-ħabs b’mod negattiv, allura mhu se jieħu xejn b’mod awtomatiku”[4]**

---

[2] Ara Dok HG1 – HG16
[3] Sessjoni Plenarja tal-Hdax-il Parlament – Seduta Nru 316 tat-Tnejn, 21 ta’ Frar, 2011, p. 702
[4] Sessjoni Plenarja tal-Hdax-il Parlament – Seduta Nru 316 tat-Tnejn, 21 ta’ Frar, 2011, p. 711

**"ONOR. MICHAEL FALZON: ... Punt ieħor pożittiv f'dan l-abbozz ta' liġi huwa dak ta' meta niġu biex nitkellmu fuq ir-remission tas-sentenzi, fejn il-famuża tmien xhur tiswa sena, se ssir xi ħaġa diskrezzjonarja. Forsi l-attitudni kienet li din tittieħed awtomatikament, imma issa se tkun xi ħaġa li dak li jkun irid jaħdem għaliha.[5]**

**"ONOR. JOSÈ HERRERA: ... Qed nifhem tajjeb li issa r-remissjoni għal kull min ikun il-ħabs mhijiex se tkun xi ħaġa awtomatika imma jrid jiddettahielu dan il-bord?**

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI: Xogħol il-bord huwa li jara li jagħmel filtering tal-affarijiet. Dan il-bord għandu wkoll id-dritt li jżid xi kondizzjonijiet, li hu konċett innovattiv għal xi ħadd li jkun ingħata r-remissjoni, jiġifieri meta joħroġ minn hemmhekk ikollu ċerti kondizzjonijiet imposti fuqu dwar kif iġib ruħu.**

**ONOR. JOSÈ HERRERA: Bniedem li llum jeħel disa' snin ħabs għandu tliet snin minnhom imnaqqsa b'mod awtomatiku jew irid jgħaddi quddiem il-bord?**

**ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI: Irid jgħaddi dejjem quddiem il-bord, jiġifieri dik id-diskrezzjoni li qabel kienet esklussivament f'idejn id-Direttur issa qed tiġi trasferita fuq dan il-bord. Dan isir l-ewwel nett għal konfort akbar, għal trasparenza akbar u għal mekkaniżmu ta' kontroll akbar biex wieħed jara l-affarijiet kollha. Ta' min jgħid ukoll li dan il-bord huwa accountable ukoll biex jagħti informazzjoni preċiża dwar x'ġara u x'ma ġarax. B'hekk kemm jien kif ukoll kwalunkwe ministru tal-ġustizzja li jkun hemm hemm ġew ikolli moħħi aktar mistrieħ li l-affarijiet saru tajjeb u li min hu żamm mal-kondizzjonijiet tiegħu.[6]"**

12. Minn dawn id-dibattiti parlamentari jirriżulta illi kien hemm qbil fuq iż-żewġ naħat tal-kamra illi s-sistema kif kienet titħaddem skond il-liġi ta' dak iż-żmien, fejn priġunier ikun awtomatikament intitolat għal *remission*, kienet qed tiġi sostitwita b'sistema iżjed idejali taħt il-liġi l-ġdida li permezz tagħha r-*Remissions Board* ingħatalu l-fakolta' li **fid-diskrezzjoni tiegħu** jagħti, jordna t-telf jew jagħti lura ġranet ta' remissjoni li jkunu ntilfu. Id-diskrezzjoni u poter fakoltattiv li għandu l-Bord huma riflessi fl-użu tal-kliem "***jista***" fl-Art. 22 u 23 tal-Kap. 516 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa minnu li l-liġi stess imbagħad (inkluż fl-Art. 22 u 23 nfushom) tirregola kif u meta dan il-Bord jista' u għandu jeżerċita din id-diskrezzjoni mogħtija lilu però'

---

[5] Sessjoni Plenarja tal-Hdax-il Parlament – Seduta Nru 317 tat-Tlieta, 22 ta' Frar, 2011, p. 754
[6] Sessjoni Kumitat Permanenti Għall-Kunsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi – Laqgħa Nru 85 tat-Tlieta, 15 ta' Novembru, 2011, p.

huwa indiskuss illi taħt il-Kap. 516 l-ebda priġunier m'għandu dritt awtomatiku għar-*remission* kif donnu ppretenda jew qiegħed jippretendi r-rikorrent.

13. Darba jirriżulta illi l-għoti ta' *remission* kif ukoll it-telfien ta' *remission* jaqgħu fid-diskrezzjoni tar-*Remissions Board* u darba jirriżulta illi mir-Reġistru tar-Remissjonijiet li dwaru xehed ir-rappreżentant tad-Direttur tas-Servizzi Korrettivi Spett. Helenio Galea, ir-rikorrent tilef wieħed u sittin (61) ġurnata ta' *remission*, m'huwiex il-każ illi ż-żamma tar-rikorrent fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin hija waħda llegali ai termini tal-Art. 409A tal-Kap. 9 għaliex il-piena karċerarja tiegħu għadha ma ġietx skontata la ma jistax igawdi mir-remissjoni. Il-Qorti tista' għalhekk tieqaf hawn u tiddisponi mit-talba billi tiċħad ir-rikors.

14. Madanakollu l-Qorti tħoss li jkun utli li tattira l-attenzjoni ukoll għal tlett fatturi oħra li donnhom sfuġġew lir-rikorrent fl-insistenza tiegħu illi qiegħed jinżamm ġewwa l-ħabs illegalment:

    a. Prinċipalment, il-liġi nnifisha fl-Art. 23(1) tal-Kap. 516 tipprospetta illi ordni ta' telf ta' *remission* tista' tkun (i) ta' perjodu ta' *remission* li jkun diġà ngħata lill-priġunier JEW (ii) ta' perjodu ta' *remission* prospettiv ossia' li għad ikun jista' jingħata. F'dan ir-rigward ir-rikorrent jargumenta illi bil-kliem "prospettiv" fl-Art. 23(1) il-leġislatur ma kienx qiegħed jirreferi għal *remission* li jista' jingħata fil-futur wara li l-priġunier ikun diġà ħalla l-ħabs u reġa daħal sabiex jiskonta sentenza oħra iżda għal *remission* li jista' jingħata fil-futur lill-priġunier li jkun għadu l-ħabs. Il-Qorti bir-rispett ma taqbilx ma dan l-argument għaliex il-liġi nnifisha ma tagħmilx din id-distinzjoni u fi kwalunkwe każ l-interpretazzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-liġi m'huwiex eżerċizzju li għandu jitwettaq minn din il-Qorti jew quddiem din il-Qorti iżda semmai quddiem il-forum kompetenti.

    b. B'mod sekondarju, għalkemm kif xehed l-Ispettur Helenio Galea r-rikorrent kellu l-fakolta' illi ai termini tal-Art. 80(1)(b) tar-Regolamenti dwar il-Ħabs (Leġislazzjoni Sussidjarja 260.03) jagħmel petizzjoni għar-reviżjoni tad-deċiżjoni tar-*Remissions Board* quddiem it-Tribunal tal-Appelli, ma jidhirx illi f'dan il-każ ir-rikorrent użufruwixxa ruħu minn dan id-dritt biex b'hekk jista' jingħad li r-rikorrent aċċetta din id-deċiżjoni u l-konsegwenzi li tista' ġġib magħha.

c. Finalment iżda ċertament mhux ta' importanza insinjifikanti, minn ħarsa anke superfiċjali lejn il-*behaviour report* tar-rikorrent esebita mill-Ispettur Helenio Galea jirriżulta illi fid-diversi drabi li skonta pieni karċerarji mill-2011 'l hawn ir-rikorrent kien misjub ħati ta' numru kbir ta' reati kontra r-regolamenti tal-ħabs bil-konsegwenza ta' numru daqstant ieħor kbir ta' pieni ta' telf ta' *remission.* Hekk per eżempju filwaqt li kien qiegħed il-ħabs fil-perjodu bejn is-17 ta' Lulju 2019 u t-8 ta' April 2021 ir-rikorrent instab ħati mhux inqas minn **disgħa u tletin (39)** darba ta' ksur ta' regolamenti tal-ħabs. Ta' dawn il-ksur huwa ġie mogħti diversi pieni fosthom it-telf ta' xejn inqas minn **tlett mija u ħamsa u tletin (335)** ġurnata ta' remissjoni. Minn dawn it-335 ġurnata ta' telf ta' remissjoni, 84 minnhom ingħataw b'deċiżjoni tar-*Remissions Board* meħuda fl-1 ta' Lulju 2020. Ġara illi meta ġie rilaxxjat fit-8 ta' April 2021 huwa kien tilef biss tmintax (18)-il ġurnata ta' *remission* biex b'hekk kien jifdal bilanċ ta' sitta u sittin (66) ġurnata ta' telf ta' *remission.* Huwa daħal numru ta' drabi oħra l-ħabs wara dakinhar (u sadanittant daħlu xejn inqas minn ħdax-il rapport ieħor ta' ksur ta' regolamenti f'tali perjodu) sakemm finalment daħal il-ħabs fit-28 ta' Lulju 2023 sabiex jiskonta piena karċerarja ta' sitt (6) xhur in konnessjoni mar-reat ta' oltraġġ fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku fil-ħabs stess. Fl-istadju li daħal jirriżulta illi r-rikorrent għad baqalu pendenti wieħed u sittin ġurnata ta' telf ta' *remission* u d-deċiżjoni tad-Direttur tas-Servizzi Korrettivi hija ġustament dik illi dawn għandhom jiġu applikati kontra l-piena ta' sitt xhur priġunerija fit-totalita' tagħhom. Sadanittant fil-ġimgħat li għaddew daħlu tlett (3) rapporti oħra ta' ksur ta' regolamenti tal-ħabs mir-rikorrent, liema rapporti però għad jrid jiġi deċiż x'piena ser tingħata għalihom.

15. Il-Qorti ma tistax ma tenfasizzax illi l-proċeduri dixxiplinarji fil-ħabs huma l-għodda prinċipali (għalkemm mhux unika) li tista' tintuża sabiex tkun tista' tinżamm dixxiplina u ordni f'dik l-istituzzjoni korrettiva u l-iskop kollu ta' tali proċeduri m'huwiex daqstant il-kastig *per se* tal-priġunier (għalkemm dan ukoll huwa deterrent u inċentiv fl-istess ħin) iżda ż-żamma tal-ordni u d-dixxiplina fil-ħabs. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk ikun *a contrario sensu* illi persuna li jkun akkumula t-telf ta' numru ta' ġranet ta' *remission* prospettivi u li imbagħad jiġi rilaxxjat wara li jkun skonta s-sentenza karċerarja, jerġa jibda *with a clean slate* malli u jekk dan jerġa jidħol il-ħabs sabiex jiskonta piena karċerarja oħra. Jekk jiġri dan ikun ifisser fost affarijiet oħra illi priġunier illi jkun viċin li jiskonta s-sentenza tiegħu ma jkollu l-ebda diżinċentiv sabiex ma jikkomettix reati oħra konta d-dixxiplina (li ma jkunux daqstant serji li jkunu jimmeritaw li jittieħdu passi kriminali kontrih) fil-ftit żmien li

jkun fadallu għaliex ikun jaf illi jiġri x'jiġri u jitlef kemm jitlef ġranet ta' *remission* prospettivi, huwa xorta waħda mhuwiex ser jiġi affettwat jekk fil-futur jerġa jiddaħħal l-ħabs.

16. Minn dan kollu jirriżulta illi kuntrarjament għal dak li ssottometta r-rikorrent fit-trattazzjoni tar-rikors tiegħu, la huwa l-każ illi huwa diġà skonta s-sentenza ta' sitt xhur ħabs mogħtija lilu fit-28 ta' Lulju 2023 u lanqas huwa l-każ li qed jinżamm fil-ħabs b'mod illegali.

**Deċiżjoni**

**17. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li ssib illi d-detenzjoni tar-rikorrent hija pjenement skond il-liġi u illi l-istess rikorrent għad baqalu sas-27 ta' Jannar 2024 sabiex jiskonta l-piena karċerarja imposta fuqu fit-28 ta' Lulju 2023, tiċħad ir-rikors tal-istess rikorrent  għar-rilaxx tiegħu mill-ħabs**

V. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur